KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 09/7/194/14

**Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 9**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, l-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u l-Kunsillier Nicholas Seychell.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo kienu skużati.

## 1. Approvazzjoni ta' Offerti

1.1. Is-Sindku Dominic Grima qal illi qed tissejjaħ din il-laqgħa sabiex il-membri tal-Kunsill jiddiskuti l-offerti nru. 2/2015 u 3/2015 wara li nħatar Kumitat għall-Aġġudikazzjoni ta' l-offerti li kien iltaqa' sabiex jiddiskuti dawn iż-żewġ offerti kif ukoll ħejja Rapport ta' Evalwazzjoni (anness). Fir-rapport tagħhom il-membri pproponew li l-offerti jingħataw hekk:

1.1.1. Tender 2/15 Patching and Road Humps Work: **Ells Urban Services Ltd.**

1.1.2. Tender 3/15 Maintenance of Traffic signs and Road Markings: **Koptasin**

1.2. Il-membri iddiskutew ir-rapporti ta' evalwazzjoni u qablu mal-konklużjonijiet imressqa fl-istess rapporti. U għalhekk approvaw li t-tenders 02/15 u 03/15 jingħataw lil Ells Urban Services Ltd. u Koptasin rispettivament.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku